MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 1790/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta’ estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta’ l-assigurat taghha Louis Cutajar u l-istess Louis Cutajar**

**Vs**

**Andre Muscat u b’digriet tas-17 ta’ Frar, 2004 gie kjamat fil-kawza Joseph Cassar I.D. 442684M**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta’ tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sitt centezmi (Lm326.06c) rapprezentanti danni sofferti b’rizultat ta’ kollizjoni li sehhet fit-22 ta’

Dicembru, 2001 iz-Zejtun fil-vettura ta' Louis Cutajar GAC 431 li ntlaqtet mill-vettura AND 882 misjuqa minn Andre Muscat.

Ra r-Risposta ta' Andre Muscat li biha eccepixxa illi t-talbiet attrici huma kkontestati billi l-konvenut ma jahtix ghall-incident in kwistjoni u mhux responsabbli ghad-danni stante li kien qed isuq bid-diligenza rikjesta mil-ligi u f'kull kaz eccepixxa illi l-incident gara tort tan-negligenza u mperizja jew nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku ta' terz u cjoe' ta' Joseph Cassar li kien qed isuq il-vettura AAR 896 u l-istess konvenut talab li Cassar jigi msejjah fil-kawza.

Ra t-talba tal-konvenut li jigi msejjah fil-kawza Joseph Cassar li saret fis-17 ta' Frar, 2004 liema talba giet akkolta b'digriet ta' l-istess gurnata.

Ra r-Risposta ta' Joseph Cassar li biha eccepixxa illi l-incident mertu tal-kawza gara b'tort uniku tas-sewwieq tal-vettura AND 882 u li huwa m'ghandu l-ebda responsabbilta' ghall-incident in kwistjoni.

Ra l-verbal tal-11 ta' Novembru, 2004 li biha l-kjamat in kawza b'zieda ghamel eccezzjonijiet gja' moghtija, eccepixxa l-preskrizzjoni biennali.

Sema' x-xhieda ta' Edward Pace Balzan, PS 1429 Eric Mangion, Louis Cutajar, Philip Zammit, Andre Muscat, Joseph Cassar u Mario Duca.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Nicolai Muscat Farrugia ghall-attur, Dr Philip Magri ghall-konvenut u Dr Joseph M Buttigieg ghall-kjamat in kawza.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kawza tikkoncerna hsara subita fil-vettura GAC 431 proprjeta' ta' l-attur Louis Cutajar li kienet ipparkjata fi Triq il-Qadi, z-Zejtun.  M'huwiex ikkontestat li din intlaqtet

mill-vettura misjuqa minn Andre Muscat bin-numru AND 882.

Andre Muscat jghid illi huwa kien qed isuq fi Triq il-Qadi li hija triq dritta u kien ilu jsuq fiha xi tlett mitt metru u kien qieghed isuq fil-*lane* tieghu u meta kien xi mija u hamsin metru ‘l boghod mit-T Junction ifformata minn Triq il-Marrubja huwa nnota vann li hareg minn fuq Triq il-Marrubja ghal fuq Triq il-Qadi, rega’ rriversja lura u mbaghad meta Muscat wasal aktar vicin Triq il-Marrubja, dan il-vann rega’ hareg u Muscat inhasad. Meta nhasad huwa gibed ‘il gewwa u meta nnota li hemm vettura pparkjata quddiemu rega’ gibed ‘il barra u xorta wahda z-zewg vetturi habtu.

Joseph Cassar jghid illi dakinhar ta’ l-incident huwa verament kien qed isuq fi Triq il-Marrubja izda afferma illi huwa waqaf qabel ma hareg fuq Triq il-Qadi u fl-ebda hin ma hareg qabel ma sehh l-incident. Huwa cahad kategorikament il-verzjoni li ta Andre Muscat u kkonferma li fil-fatt huwa, meta wasal ma’ l-inkrocju ma’ Triq il-Qadi, waqaf fi Triq il-Marrubja u ra lil Muscat jahbat mal-vettura pparkjata. Sahansitra Cassar jghid illi huwa kien innota li Muscat kien, qabel l-incident, tbaxxa bhallikieku qieghed jaghmel xi haga ma’ l-istereo fil-karozza u meta rega’ hares ‘il fuq b’tul ta’ xi ghoxrin metru boghod lemah il-vettura Skoda quddiemu u mbaghad baqa’ diehel go fiha.

F’sitwazzjoni simili, m’hemmx dubju illi l-attur m’ghandu l-ebda tort ghall-incident. Il-fatt li Andre Muscat habat mal-vettura ta’ l-attur jitfa’ piz qawwi fuq Muscat. Il-piz tal-prova f’dan il-kaz, stante illi m’hemmx kontestazzjoni li kienet il-vettura ta’ Muscat li dahlet fil-vettura ta’ l-attur, huwa kompletament fuq Muscat. Muscat huwa obbligat li jipprova d-difiza tieghu fil-grad li trid il-ligi li fil-fatt huwa gie rinfaccjat b’emergenza subitanja li b’rizultat taghha ghamel il-manuvra li ddiskriva l-istess Muscat.

It-Tribunal kellu l-opportunita’ li jisma’ z-zewg sewwieqa, cjoe’ lil Muscat u l-istess Cassar fl-istess seduta liema persuni xehdu viva voce. Stante l-kunflitt bejn iz-zewg verzjonijiet, ma ngabet l-ebda prova estranea li b’xi mod

tikkonvinci lil dan it-Tribunal li l-incident ma sehhx kif xehed Cassar. Certament Muscat ma rnexxielux jipprova l-kaz tieghu fil-grad rikjest mil-ligi. Huwa notevoli li minkejja li Muscat qed jitfa' l-htija fuq Cassar, qatt ma ha passi kontra tieghu u nsista fuq is-sejha fil-kawza ta' l-istess Cassar aktar minn sentejn wara l-kaz (ghalkemm it-Tribunal jinnota li Cassar jissemma' fir-Risposta).

Illi ghalhekk, *rebus sic stantibus* it-Tribunal m'ghandux alternattiva hlief li jasal ghall-konkluzjoni li l-incident in kwistjoni sehh unikament htija tal-konvenut Muscat.

Ghal kull buon fini t-Tribunal jinnota wkoll illi l-kjamat in kawza qajjem eccezzjoni biennali ta' preskrizzjoni. Bejn id-data ta' l-incident u d-data tad-digriet meta l-kjamat in kawza sar parti, ghaddew aktar minn sentejn. B'danakollu Cassar ma semmhiex l-Artikolu tal-ligi u ghalhekk din l-eccezzjoni ma gietx sollevata bil-mod rikjesta mil-ligi u ghalhekk qieghda tigi michuda. M'huwiex konsentit ghat-Tribunal li jsib l-Artikolu huwa stess.

Ghar-rigward tal-quantum tad-danni dawn jinsabu debitament korroborati kemm mix-xhieda tas-surveyor u kif ukoll mill-attur.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jiddikjara li l-incident sehh unikament tort tal-konvenut Muscat, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-istess konvenut Muscat sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u sitt centezmi (Lm326.06c) bl-interessi u bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------